



---

**TESTI ADOTTATI**

---

**P9\_TA(2020)0220**

**Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (10025/2020 – C9-0215/2020 – 2018/0135(CNS))**

**(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (10025/2020),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0215/2020),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: it-tnejn tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020<sup>1</sup> u dwar riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport interim tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta' qbil<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji: wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji:

---

<sup>1</sup> ĠU C 162, 10.5.2019, p. 51.

<sup>2</sup> ĠU C 162, 10.5.2019, p. 71.

<sup>3</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0226.

<sup>4</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0449.

<sup>5</sup> Testi adottati, P9\_TA(2019)0032.

wasal iż-żmien li nissodisfaw l-aspettattivi taċ-ċittadini,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Mejju 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-baġit tal-UE jmessi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa" (COM(2020)0442),
  - wara li kkunsidra r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji, ippubblikati f'Diċembru 2016 u ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Jannar 2017,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju 2020 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tas-17-21 ta' Lulju 2020<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0146/2020),
1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill kif emendat;
  2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-abbozz tiegħu b'mod sostanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## **Emenda 1**

### **Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 1a (ġdida)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

***(1a) Din id-Deċiżjoni tippredvi l-bażi ġuridika biex il-Kummissjoni tissellef fondi fis-swieq kapitali sabiex tiffinanzja n-nefqa fil-qafas tal-Pakkett għall-Irkupru Next Generation EU. L-ispejjeż relatati tal-kapital u l-imgħax tal-ħlas lura jridu jiġu ffinanzjati mill-ġdid mill-baġit tal-Unjoni f'perjodu ta' żmien iddefinit minn qabel skont il-maturitajiet tal-bonds maħruġa u l-istrateġija għall-ħlas lura tad-dejn. Jenħtieġ li dawn l-ispejjeż ma jwasslux għal tnaqqis indebitu***

<sup>1</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0124.

<sup>2</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0206.

*fin-nefqa tal-programm jew l-istrumenti ta' investiment skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), u lanqas ma jirriżultaw f'żidiet qawwija fil-kontribuzzjonijiet nazzjonali. Għalhekk, u sabiex jissaħħu l-kredibbiltà u sostenibbiltà tal-pjan ta' ħlas lura Next Generatoin EU, tali spejjeż għandhom ikunu koperti kompletament minn dħul minn riżorsi proprji ġenwini ġodda. L-appropriazzjonijiet tan-nefqa relatati jenħtieġ li jingħadu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, kif previst fir-Regolament QFP il-ġdid.*

## **Emenda 2**

**Abbozz ta' deċiżjoni  
Premessa 1b (ġdida)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*(1b) Kwalunkwe ammont iġġenerat minn riżorsi proprji ġodda lil hinn mil-livell meħtieġ biex jiġu koperti l-obbligi ta' ħlas lura f'sena partikolari jenħtieġ li jibqa' fil-baġit tal-Unjoni bħala dħul ġenerali. Wara tmiem il-pjan ta' ħlas lura, dawk ir-riżorsi proprji jenħtieġ li jkomplu jiffinanzjaw il-baġit tal-Unjoni bħala dħul ġenerali. L-introduzzjoni ta' basket ta' riżorsi proprji ġodda jenħtieġ li tiggarrantixxi l-livell xieraq ta' finanzjament tal-infiq tal-Unjoni fil-QFP, filwaqt li ttaffi l-predominanza tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali bbażati fuq l-ING fil-finanzjament tal-baġit annwali tal-Unjoni, u b'hekk tnaqqas il-kunċett tal-baġit tal-Unjoni bħala "logħba b'somma zero" immarkata mir-rutini "juste retour". Dan min-naħa tiegħu jista' jiffaċilita ffukar aħjar tan-nefqa fil-livell tal-Unjoni fuq oqsma ta' prijorità u beni pubbliċi komuni b'kisbiet kbar fl-effiċjenza meta mqabbel mal-infiq nazzjonali.*

## **Emenda 3**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

## Premessa 1c (ġdida)

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*(1c) Sabiex ir-rikavati tagħhom ikunu disponibbli meta jaslu l-obbligi tal-imgħax u tal-ħlas lura, il-kategoriji l-ġodda ta' riżorsi proprji jenħtieġ li jiġu introdotti mill-2021. Ir-riżorsi proprji l-ġodda jenħtieġ li jkunu allinjati mal-oġettivi ta' politika tal-Unjoni u jenħtieġ li jappoġġaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-funzjonament tas-suq uniku, kif ukoll l-isforzi biex tittejjeb l-effettività tat-tassazzjoni korporattiva u biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa. Il-Parlament Ewropew, fir-Rapport Interim tiegħu dwar ir-Riżorsi Proprji tal-QFP tiegħu ta' Novembru 2018, diġà approva basket possibbli ta' riżorsi proprji ġodda u dħul ieħor li juru tali karatteristiċi; dak il-basket jista' jtkabbar biex jinkludi aktar għażliet.*

## Emenda 4

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Premessa 5**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

(5) Is-sistema preżenti għad-determinazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ġiet ikkritikata ripetutament mill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri bħala kkumplikata wisq. ***Il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020*** għalhekk ***ikkonkluda li huwa*** xieraq li jiġi ssimplifikat il-kalkolu ta' dik ir-riżorsa proprja.

(5) ***Ir-riżorsa proprja bbażata fuq Taxxa fuq il-Valur Miżjud hija sors ta' introjtu stabbilit sew għall-baġit tal-Unjoni u jenħtieġ li tkompli tirrifletti r-rabta intrinsika bejn il-konsumaturi fis-suq uniku u l-finanzi pubbliċi tal-Unjoni. Madankollu,*** is-sistema preżenti għad-determinazzjoni tar-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ġiet ikkritikata ripetutament mill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri bħala kkumplikata wisq. ***Huwa*** għalhekk xieraq li jiġi ssimplifikat il-kalkolu ta' dik ir-riżorsa proprja.

## Emenda 5

**Abbozz ta' deċiżjoni**

## Premessa 6

### *Abbozz tal-Kunsill*

(6) Sabiex l-istrumenti **finanzjarji** tal-Unjoni **jiġu** allinjati aħjar mal-prijoritajiet **politiċi** tagħha, sabiex **jirriflettu** aħjar ir-rwol tal-baġit **tal-Unjoni fil-funzjonament** tas-Suq Uniku, **jappoġġaw** aħjar l-oġġettivi tal-politiki tal-Unjoni u **jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet** tal-Istati Membri bbażati fuq id-**Dħul Nazzjonali Gross (DNG) lill-baġit** annwali tal-Unjoni, **il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020** ikkonkluda li **fis-snin** li **ġejjin l-Unjoni kienet ser taħdem biex tirrifirma s-sistema tar-riżorsi** proprji u **tintroduċi riżorsi** proprji ġodda.

### *Emenda*

(6) Sabiex **jiġu ffinanzjati mill-inqas l-ispejjeż tal-kapital u l-imgħax tal-ħlasijiet lura tal-Istrument tal-Unjoni għall-Irkupru**, biex l-istrumenti **ta' finanzjament** tal-Unjoni **jkunu** allinjati aħjar mal-prijoritajiet **ta' politika** tagħha, sabiex **jiġi rifless** aħjar ir-rwol tal-baġit **għall-funzjonament** tas-Suq Uniku, **sabiex jiġu sostnuti** aħjar l-oġġettivi tal-politiki tal-Unjoni, **bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li tiġi mitigata l-predominanza tal-kontribuzzjonijiet** tal-Istati Membri bbażati fuq id-DNG **għall-baġit** annwali tal-Unjoni, **huwa neċessarju li jiġu introdotti kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji bbażati fuq il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporativa, id-dħul nazzjonali li ġej mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata fuq il-bażi ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat, bit-tħeġġiġ ta' ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, riżorsi proprji ġodda bbażati fuq Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera, b'kompatibbiltà sħiħa mar-regoli tad-WTO, taxxa fuq is-servizzi diġitali u Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji, implimentati preferibbilment skont skema maqbula mill-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jiġu introdotti għal dan il-għan malli jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet leġiżlattivi sottostanti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel il-proposti leġiżlattivi neċessarji għal dawk ir-riżorsi proprji l-ġodda u riżorsi proprji ġodda potenzjali oħra, li jappoġġaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll il-funzjonament tas-suq uniku u l-isforzi biex tittejjeb l-effikaċja tat-tassazzjoni korporattiva, kemm jista' jkun malajr. Ir-riżorsi proprji ġodda potenzjali diġà kkomunikati mill-Kummissjoni, bħall-imposta tas-suq uniku, jenħtieġ li jiġu vvalutati aktar qabel ma jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-**

## *Kunsill.*

### **Emenda 6**

#### **Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 7**

##### *Abbozz tal-Kunsill*

(7) ***Bħala l-ewwel pass, jenħtieġ li tiġi introdotta kategorija ġdida ta' riżorsi proprji bbażata fuq kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata abbażi tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat.*** F'konformità mal-istrateġija tal-Unjoni dwar il-plastik, il-baġit tal-Unjoni jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis minn skart mill-imballaġġ tal-plastik. Riżorsa Proprja li tkun ibbażata fuq kontribuzzjoni nazzjonali li tkun proporzjonali għall-kwantità ta' skart ***minn pakketti*** tal-plastik ***li ma jkunx riċiklat*** f'kull Stat Membru se tipprovdi inċentiv biex jitnaqqas il-konsum ta' plastik b'użu wieħed, jiġi promoss ir-riċiklar u tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari. Fl-istess ħin, l-Istati Membri se jkunu liberi li jieħdu l-miżuri l-aktar xierqa sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. ***Sabiex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali, jenħtieġ li jiġi applikat mekkaniżmu ta' aġġustament bi tnaqqis annwali ta' somma f'daqqa lill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri bi DNG per capita fl-2017 anqas mill-medja tal-UE. Jenħtieġ li t-tnaqqis jikkorrispondi għal 3.8 kg immultiplikati bil-popolazzjoni fl-2017 tal-Istati Membri kkonċernati.***

### **Emenda 7**

#### **Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 7a (ġdida)**

##### *Abbozz tal-Kunsill*

##### *Emenda*

(7) F'konformità mal-istrateġija tal-Unjoni dwar il-plastik, il-baġit tal-Unjoni jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis minn skart mill-imballaġġ tal-plastik ***u jikseb il-miri tar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ.*** Riżorsa Proprja li tkun ibbażata fuq kontribuzzjoni nazzjonali li tkun proporzjonali għall-kwantità ta' skart ***mill-imballaġġ*** tal-plastik ***mhux irriċiklat*** f'kull Stat Membru se tipprovdi inċentiv biex jitnaqqas il-konsum ta' plastik b'użu wieħed, jiġi promoss ir-riċiklar u tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabilixxi metodu ta' kalkolu ssimplifikat, kif ukoll mekkaniżmi ta' reġistrazzjoni u ta' kontroll effettivi.*** Fl-istess ħin, l-Istati Membri se jkunu liberi li jieħdu l-miżuri l-aktar xierqa sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. ***Minħabba li dik il-kontribuzzjoni hija maħsuba biex tkun riżorsa proprja li tibni fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li ma tkun soġġetta għall-ebda mekkaniżmu ta' korrezzjoni.***

*(7a) L-Unjoni tqis bħala prijorità l-kisba tal-mira tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' mill-anqas 40 % bejn l-1990 u l-2030 skont l-impenji tagħha fil-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Is-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) hija wieħed mill-istrumenti ewlenin li ġew stabbiliti għall-implimentazzjoni ta' dak l-oġġettiv u tiġġenera dħul permezz tal-irkant ta' kwoti ta' emissjonijiet. Meta jitqiesu n-natura armonizzata tal-ETS kif ukoll l-iffinanzjar ipprovdut mill-Unjoni biex tiġi promossa t-taffija u l-isforzi ta' adattament fl-Istati Membri, ikun xieraq li tiġi introdotta riżorsa proprja għall-baġit tal-Unjoni f'dak il-kuntest. Jenħtieġ li dik ir-riżorsa proprja tkun ibbażata fuq il-kwoti li jkunu se jiġu rkantati mill-Istati Membri, inkluża l-allokkazzjoni tranżitorja b'xejn lis-settur tal-enerġija. Jenħtieġ li, sabiex jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti Stati Membri skont kif stipulat fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, il-kwoti ridistribwiti għall-iskopijiet tas-solidarjetà, it-tkabbir u l-interkonnessjoni, kif ukoll kwoti ddedikati għall-Fond ta' Innovazzjoni u l-Fond ta' Modernizzazzjoni ma jitqisux meta tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni tar-riżorsa proprja. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ETS jenħtieġ li tkun iddefinita wkoll b'mod li jinkludi d-dħul addizzjonali potenzjali li jirriżulta mill-espansjoni futura tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ETS għal setturi jew reġjuni ġeografiċi ġodda, filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni.*

---

<sup>1a</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

**Abbozz ta' deċiżjoni**  
**Premessa 8**

*Abbozz tal-Kunsill*

(8) *Il-Kunsill Ewropew tas-17 u l-21 ta' Lulju 2020 innota li, bħala bażi għal riżorsi proprji addizzjonali, fl-ewwel semestru tal-2021 il-Kummissjoni ser tressaq proposti dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u imposta diġitali bil-ħsieb tal-introduzzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni tressaq proposta riveduta dwar Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, li possibbilment testendiha għas-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu. Ikkonkluda li tul il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perijodu 2021-2027, l-Unjoni ser taħdem biex tintroduċi riżorsi proprji oħra li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji.*

**Emenda 9**

**Abbozz ta' deċiżjoni**  
**Premessa 8a (ġdida)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

(8) *Ir-riżorsi proprji addizzjonali rikjesti jenħtieġ li jiġu introdotti sa mhux aktar tard mill-2028 skont kalendarju legalment vinkolanti miftiehem stabbilit f'din id-Deċiżjoni, li għandu jiżgura li l-leġiżlazzjoni sottostanti tkun tista' tiġi adottata fil-ħin u ssir operattiva sabiex ir-rikavati jkunu disponibbli meta sseħħ l-ispiża. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq proposti leġiżlattivi għal dak il-għan. Ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jistabbilixxi arranġamenti aktar dettaljati u dispożizzjonijiet oħra relatati ma' dak il-kalendarju legalment vinkolanti bħad-dati tad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' ċerti riżorsi proprji ġodda.*

*Emenda*

(8a) *Bħala l-ewwel pass, il-kontribuzzjoni bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux irriċiklat se tikkomplementa r-riżorsi proprji eżistenti minn Jannar 2021. Barra minn hekk, 30 % tad-dħul mill-irkantar tal-ETS se jikkostitwixxi introjtu ġenerali għall-baġit tal-Unjoni mill-2021. Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni se tagħmel il-proposti meħtieġa biex it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji (TTF) tinbidel f'bażi għal riżorsa proprja mill-2024. Il-Kummissjoni se tressaq ukoll proposti leġiżlattivi matul l-ewwel semestru tal-2021 biex tintroduċi riżorsi proprji ġodda bbażati fuq il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u fuq imposta diġitali.*



*Ir-rikavat se jsir disponibbli mill-2023. Jekk is-CBAM jieħu l-forma ta' tariffi doganali addizzjonali fuq l-importazzjonijiet, ikun kopert mil-leġiżlazzjoni dwar ir-riżorsi proprji tradizzjonali u ma jkunx jeħtieġ deċiżjoni separata dwar ir-riżorsi proprji. Jekk is-CBAM jieħu l-forma ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS, jenħtieġ li jkun kopert bis-sħiħ mir-riżorsa proprja bbażata fuq l-ETS. Bħala t-tielet pass, u bħala parti mir-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali fl-ewwel semestru tal-2024, il-Kummissjoni se tagħmel aktar proposti ġodda jew turriformula proposti eżistenti biex il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKT) tinbidel f'bażi għal riżorsa proprja. Il-leġiżlazzjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fil-ħin biex id-dħul minn dawn ir-riżorsi proprji ġodda jkun disponibbli mill-2026. Ir-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa mhux se jkollhom jiġu applikati b'mod retroattiv.*

## Emenda 10

Abbozz ta' deċiżjoni  
Premessa 9

*Abbozz tal-Kunsill*

(9) *Il-Kunsill Ewropew tas-17 sal-21 ta' Lulju 2020 ikkonkluda li jenħtieġ li l-arranġamenti tar-riżorsi proprji jimxu fuq l-oġettivi globali tas-sempliċità, it-trasparenza u l-ekwità, inkluż il-qsim ġust tal-piżijiet. Ikkonkluda wkoll li d-Danimarka, in-Netherlands, l-Awstrija u l-Iżvezja, u fil-kuntest tal-appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza, anki l-Ġermanja, ser jibbenefikaw minn korrezzjonijiet b'somma f'daqqa għall-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom ibbażati fuq id-DNG għall-perijodu 2021-2027.*

## Emenda 11

Abbozz ta' deċiżjoni  
Premessa 9a (ġdida)

*Emenda*

(9) *Ribassi u mekkaniżmi korrettivi oħra jenħtieġ li jiġi aboliti.*

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

**(9a)** *L-Unjoni se taqdem għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda addizzjonali potenzjali matul is-snin li ġejjin u qabel l-2028. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jissuġġerixxu riżorsa proprja ġdida, il-Kummissjoni se tivvalutaha.*

## **Emenda 12**

**Abbozz ta' deċiżjoni  
Premessa 9b (ġdida)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

**(9b)** *Fid-dawl ta' deliberazzjonijiet futuri dwar bidliet fit-trattati, u bl-użu tal-momentum tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, il-leġittimità demokratika, l-obbligu ta' rendikont, ir-reżiljenza u l-allinjament ma' objettivi ewlenin tal-politika tal-lat tad-dħul tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jissaħħu aktar billi l-Parlament Ewropew jingħata kompetenzi msaħħa fit-teħid tad-deċiżjonijiet leġislattivi u rwol aktar attiv fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-sistema tar-riżorsi proprji kif ukoll fil-leġislazzjoni settorjali sottostanti.*

## **Emenda 13**

**Abbozz ta' deċiżjoni  
Premessa 10**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

**(10)** *Jenħtieġ li l-Istati Membri, permezz ta' kosti tal-ġbir, iżommu 25 % tal-ammonti tar-riżorsi proprji tradizzjonali li jiġbru.*

**(10)** *Iż-żamma, bħala kosti tal-ġbir, ta' 20 % tal-ammonti miġbura mill-Istati Membri għal riżorsi proprji tradizzjonali tikkostitwixxi sehem kbir ta' riżorsi proprji li ma jkunux imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-kosti tal-ġbir miżmuma mill-Istati Membri mir-riżorsi proprji*

*tradizzjonali jinġiebu lura minn 20 % għal-livell oriġinali ta' 10 % sabiex isostenn finanzjarju għal tagħmir tad-dwana, persunal u informazzjoni jiġi allinjat aħjar mal-kosti u l-ħtiġijiet reali. Dak is-sehem jenħtieġ li jkun l-istess għall-Istati Membri kollha.*

## Emenda 14

### Abbozz ta' deċizzjoni Premessa 11

#### *Abbozz tal-Kunsill*

(11) F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ***ser jiġi stabbilit Regolament tal-Kunsill li jistipula*** miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu dispożizzjonijiet ta' natura ġenerali u teknika, applikabbli ***għall-kategoriji*** kollha ta' riżorsi proprji. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu regoli ddettaljati ***għall-kalkolu u l-ibbaġitjar tal-bilanċ, kif ukoll dispożizzjonijiet u arranġamenti meħtieġa*** għall-kontroll u s-superviżjoni tal-ġbir tar-riżorsi proprji.

#### *Emenda*

(11) F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***l-Kunsill għandu jistabbilixxi*** miżuri ta' implimentazzjoni għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu dispożizzjonijiet ta' natura ġenerali u teknika, applikabbli ***għat-tipi*** kollha ta' riżorsi proprji ***u li għalihom huwa partikolarment importanti li jkun hemm superviżjoni parlamentari xierqa.*** Jenħtieġ li dawk il-miżuri jinkludu regoli ddettaljati ***biex jiġu stabbiliti l-ammonti tar-riżorsi proprji, li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 2(1), li għandhom isiru disponibbli, inklużi r-rati ta' ġbir applikabbli għar-riżorsi proprji li ssir referenza għalihom fil-punti minn (b) sa (e) tal-Artikolu 2(1), il-kwistjonijiet tekniċi marbuta mad-Dħul Nazzjonali Gross, id-dispożizzjonijiet u l-arranġamenti meħtieġa*** għall-kontroll u s-superviżjoni tal-ġbir tar-riżorsi proprji, ***inklużi regoli dwar l-ispezzjonijiet u dwar il-poteri ta' uffiċjali u ta' assistenti oħra awtorizzati mill-Kummissjoni sabiex iwettqu spezzjonijiet u kull obbligu ta' rappurtar rilevanti. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jinkludu wkoll dispożizzjonijiet prattiċi biex jinformat perjodikament lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew bħala parti mill-awtorità baġitarja, dwar l-istat attwali tas-self, l-immaniġġjar tad-dejn u strateġiji relatati għall-ġestjoni tar-riskju kif ukoll dwar il-pjan għall-ħlas***

*lura.*

## Emenda 15

### Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 13

*Abbozz tal-Kunsill*

(13) ***Jenħtieġ li*** jiġi ppreservat marġini suffiċjenti skont il-limiti massimi tar-riżorsi proprji għall-Unjoni biex tkopri l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti ***kollha*** tagħha li jkunu dovuti fi kwalunkwe sena partikolari. ***Jenħtieġ li l-ammont totali ta' riżorsi*** proprji ***allokat lill-baġit tal-Unjoni biex ikopri approprjazzjonijiet ta' pagament annwali ma jaqbiżx il-1,40 % tat-total tad-DNG*** kollu tal-Istati Membri. ***Jenħtieġ li l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn annwali ma jaqbiżx il-1,46 % tat-total tad-DNG kollu tal-Istati Membri.***

## Emenda 16

### Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 16a (ġdida)

*Abbozz tal-Kunsill*

## Emenda 17

### Abbozz ta' deċiżjoni Premessa 19

*Emenda*

(13) ***Sabiex*** jiġi ppreservat marġini suffiċjenti skont il-limiti massimi tar-riżorsi proprji għall-Unjoni biex tkopri l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti tagħha ***kollha*** li jkunu dovuti fi kwalunkwe sena partikolari, ***il-limitu massimu tar-riżorsi*** proprji ***jenħtieġ li jiżdied għal-livell ta' 1,50 % tad-Dħul Nazżjonali Gross*** kollu tal-Istati Membri ***bi prezzijiet tas-suq għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.***

*Emenda*

(16a) ***Għall-fini uniku li jiġu koperti l-obbligi finanzjarji addizzjonali u l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-ġhoti ta' setgħa eċċezzjonali u temporanja għas-self ta' fondi u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja anki fi żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, il-limiti massimi għall-appropriazzjonijiet ta' pagament jenħtieġ li jiżdiedu b'0,6 punti perċentwali.***

*Abbozz tal-Kunsill*

(19) Il-ħlas lura ta' fondi mislufa sabiex jiġi pprovdut appoġġ li ma jitħallasx lura, appoġġ li jitħallas lura permezz ta' strumenti finanzjarji jew il-provvediment għal garanziji baġitarji, kif ukoll l-imgħax dovut, jenħtieġ li **jiġi** ffinanzjati **mill-baġit** tal-Unjoni. Il-fondi missellfa li jingħataw bħala self lill-Istati Membri jenħtieġ li jitħallsu lura mis-somom riċevuti mingħand l-Istati Membri benefiċjarji. Jeħtieġ li r-riżorsi meħtieġa jiġu allokatu u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Unjoni biex tkun tista' tkopri l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha tagħha li jirriżultaw mill-għoti ta' setgħa eċċezzjonali u temporanja li tissellef fi kwalunkwe sena u fi kwalunkwe ċirkostanza f'konformità mal-Artikolu 310(4) TFUE u l-Artikolu 323 TFUE.

**Emenda 18**

**Abbozz ta' deċiżjoni**  
**Premessa 25**

*Abbozz tal-Kunsill*

(25) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ biss ladarba tkun ġiet approvata mill-Istati Membri kollha skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom u b'hekk tiġi rrispettata bis-sħiħ is-sovranità nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew tas-17 **sal-21** ta' Lulju 2020 innota l-intenzjoni tal-Istati Membri li jipproċedu bl-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-aktar fis possibbli. Minħabba l-bżonn urġenti li jkun jista' jsir self bil-ħsieb li jiffinanzja l-miżuri li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li tasal l-aħħar notifika tat-tlestija tal-proċeduri

*Emenda*

(19) Il-ħlas lura ta' fondi mislufa sabiex jiġi pprovdut appoġġ li ma jitħallasx lura, appoġġ li jitħallas lura permezz ta' strumenti finanzjarji jew il-provvediment għal garanziji baġitarji, kif ukoll l-imgħax dovut, jenħtieġ li **jiġu** ffinanzjati **mir-rikavati mir-riżorsi proprji ġodda introdotti fil-baġit** tal-Unjoni. Il-fondi missellfa li jingħataw bħala self lill-Istati Membri jenħtieġ li jitħallsu lura mis-somom riċevuti mingħand l-Istati Membri benefiċjarji. Jeħtieġ li r-riżorsi meħtieġa jiġu allokatu u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Unjoni biex tkun tista' tkopri l-obbligi finanzjarji u l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha tagħha li jirriżultaw mill-għoti ta' setgħa eċċezzjonali u temporanja li tissellef fi kwalunkwe sena u fi kwalunkwe ċirkostanza f'konformità mal-Artikolu 310(4) TFUE u l-Artikolu 323 TFUE.

*Emenda*

(25) **Sabiex ikun jista' jinbeda l-proċess ta' ratifika, din id-Deċiżjoni tiġi adottata mill-Kunsill wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew esprima l-intenzjoni tiegħu li jipprovi malajr l-opinjoni konsultattiva li hija meħtieġa legalment biex jitħaffef il-proċess li jawtorizza lill-Kummissjoni tibda bl-operazzjonijiet ta' self biex tiffinanzja l-Istrument Ewropew ta' Rkupru.** Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ biss ladarba tkun ġiet approvata mill-Istati Membri kollha skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom u b'hekk tiġi rrispettata bis-sħiħ is-sovranità nazzjonali, **inkluż fir-rigward ta' kategoriji**

għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

**ġodda ta' riżorsi proprji.** Il-Kunsill Ewropew tas-17 **sal-21** ta' Lulju 2020 innota l-intenzjoni tal-Istati Membri li jipproċedu bl-approvazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-aktar fis possibbli. Minħabba l-bżonn urġenti li jkun jista' jsir self bil-ħsieb li jiffinanzja l-miżuri li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li tasal l-aħħar notifika tat-tlestija tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

## Emenda 19

### Abbozz ta' deċiżjoni

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

##### *Abbozz tal-Kunsill*

(c) l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għall-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik **iġġenerat minn kull Stat Membru** li mhux irriċiklat. Ir-rata ta' ġbir **għandha tkun ta' EUR 0,80** kull kilogramm. **Għandu japplika tnaqqis annwali ta' somma f'daqqa għal ċerti Stati Membri kif definit fir-raba' subparagrafu;**

##### *Emenda*

(c) l-applikazzjoni, **mill-1 ta' Jannar 2021**, ta' rata uniformi ta' ġbir għall-piż tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik li mhuwiex irriċiklat; ir-rata ta' ġbir **ma għandhiex teċċedi EUR 2,00** kull kilogramm;

## Emenda 20

### Abbozz ta' deċiżjoni

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

##### *Abbozz tal-Kunsill*

##### *Emenda*

(ca) **l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2021 ta' rata uniformi ta' ġbir għall-ammont li jirrappreżenta d-dħul iġġenerat mill-kwoti li għandhom jiġu rkantati li ssir referenza għalih fil-punt (a) tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u l-valur fis-suq ta' kwoti tranżitorji b'xejn għall-immodernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija kif determinat fl-Artikolu 10c(3) ta' dik id-Direttiva; ir-rata ta' ġbir reali ma**

*għandhiex teċċedi 50 %; id-dħul inkrementali kollu ġġenerat minn kwalunkwe tkabbir futur tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet wara l-1 ta' Jannar 2021 lil setturi u reġjuni addizzjonali;*

## **Emenda 21**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt cb (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*(cb) id-dħul iġġenerat minn Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera skont il-proposta tal-Kummissjoni [... / ...] sal-1 ta' Jannar 2023;*

## **Emenda 22**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt cc (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*(cc) id-dħul miġbur mit-tassazzjoni tas-Servizzi Diġitali, sakemm tiġi adottata u implimentata d-Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq is-servizzi diġitali fir-rigward tad-dħul li jirriżulta mill-provvista ta' ċerti servizzi diġitali (COM(2018)0148) sal-1 ta' Jannar 2023; ir-rata ta' ġbir reali ma għandhiex teċċedi 100 %;*

## **Emenda 23**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt cd (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*(cd) l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2026 ta' rata uniformi ta' ġbir għas-sehem mill-profitti taxxabli attribwiti għal kull Stat Membru skont ir-*

*regoli tal-Unjoni tal-Bażi Komuni  
Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva; ir-  
rata ta' għbir reali ma għandhiex teççedi  
6 %;*

## **Emenda 24**

**Abbozz ta' deçizjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ce (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*(ce) l-applikazzjoni, mill-  
1 ta' Jannar 2024, ta' taxxa fuq it-  
tranżazzjonijiet finanzjarji li għandha  
tinġabar skont id-Direttiva tal-Kunsill  
(UE) Nru [.../...], bir-rati ta' għbir  
applikabli fl-ammont ta' sehem li ma  
jaqbiżx ir-rati minimi stabbiliti f'dik id-  
Direttiva; jekk id-Direttiva dwar it-Taxxa  
fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji tiġi  
implimentata temporanjament  
f'kooperazzjoni msaħħa, din ir-riżorsa  
propnja ma għandhiex taffettwa lill-Istati  
Membri li mhumiex qed jipparteçipaw fil-  
kooperazzjoni msaħħa;*

## **Emenda 25**

**Abbozz ta' deçizjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 2**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*2. Għall-perijodu 2021-2027, l-  
Awstrija għandha tibbenefika minn  
tnaqqis gross ta' EUR 565 miljun fil-  
kontribuzzjoni tagħha bbażata fuq id-  
DNG, id-Danimarka għandha tibbenefika  
minn tnaqqis gross ta' EUR 377 miljun  
fil-kontribuzzjoni tagħha bbażata fuq id-  
DNG, il-Ġermanja għandha tibbenefika  
minn tnaqqis gross ta' EUR 3 671 miljun  
fil-kontribuzzjoni tagħha bbażata fuq id-  
DNG, in-Netherlands għandhom  
jibbenefikaw minn tnaqqis gross ta' EUR  
1 921 miljun fil-kontribuzzjoni tagħhom  
ibbażata fuq id-DNG u l-Iżvezja għandha  
tibbenefika minn tnaqqis gross ta' EUR*

*2. L-ebda Stat Membru m'għandu  
jibbenefika minn xi ribass jew  
korrezzjoni.*



*1 069 miljun fil-kontribuzzjoni tagħha bbażata fuq id-DNG. Dawn l-ammonti għandhom jitkejlu skont preżżijiet tal-2020 u jiġu aġġustati bl-applikazzjoni tad-deflatur l-aktar reċenti tal-Prodotti Domestiku Gross għall-Unjoni, espress f'euro, kif ipprovdut mill-Kummissjoni, li jkun disponibbli meta jitfassal l-abbozz tal-baġit. Dan it-tnaqqis gross għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha.*

## Emenda 26

**Abbozz ta' deċiżjoni**  
**Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

*2a. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti dettaljati u dispożizzjonijiet oħra meħtieġa għall-applikazzjoni ta' kalendarju legalment vinkolanti għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda fi ftehim interistituzzjonali sal-1 ta' Jannar 2021. Id-dħul minn dawk ir-riżorsi proprji ġodda għandu jkun biżżejjed biex tal-inqas ikopri l-ħlas lura tal-ispejjeż tas-self implikati mill-kapaċità ta' self stabbilita skont l-Artikolu 3b. Jenħtieġ li r-riżorsi proprji ġodda jggarantixxu wkoll il-livell xieraq ta' finanzjament tal-infiq tal-Unjoni fil-QFP, filwaqt li jtaffu l-predominanza tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING.*

*Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tressaq il-proposti leġiżlattivi xierqa.*

*Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021-2027 għandha tintuża, fost affarijiet oħra, biex tadatta għal leġiżlazzjonijiet ġodda oħra, u jekk ikun meħtieġ tadottahom sabiex tilħaq l-oġettivi stabbiliti f'dan il-paragrafu.*

## Emenda 27

### Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1

#### *Abbozz tal-Kunsill*

1. L-ammont totali tar-riżorsi proprji allokat **għall-Unjoni sabiex jiġu koperti l-approprijazzjonijiet** annwali ta' pagament ma **għandhomx jeċċedu 1,40% tas-somma tad-DNG** tal-Istati Membri kollha.

#### *Emenda*

1. L-ammont totali tar-riżorsi proprji allokat **lill-Unjoni biex ikopru approprijazzjonijiet** annwali ta' pagament ma **għandux jeċċedi 1,50 % tad-Dħul Nazjonali Gross totali** tal-Istati Membri kollha.

## Emenda 28

### Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 2

#### *Abbozz tal-Kunsill*

2. **L-ammont totali annwali għall-approprijazzjonijiet ta' impenn li jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu 1,46% tas-somma tad-DNG tal-Istati Membri kollha.**

#### *Emenda*

**imħassar**

## Emenda 29

### Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 3

#### *Abbozz tal-Kunsill*

3. **Għandu jinżamm proporzjon bl-ordni bejn l-approprijazzjonijiet ta' impenn u l-approprijazzjonijiet ta' pagament sabiex tiġi ggarantita l-kompatibbiltà tagħhom u sabiex il-limitu massimu stabbilit fil-paragrafu 1 ikun jista' jinżamm fis-snin ta' wara.**

#### *Emenda*

**imħassar**

## Emenda 30

### Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 4

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

**4. Fejn l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 jirriżultaw f'bidliet sinifikanti fil-livell tad-DNG, il-Kummissjoni għandha tikkalkula mill-ġdid il-limiti massimi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 bħala temporanjament miżjuda skont l-Artikolu 3c abbażi tal-formula li ġejja:**

*imħassar*

***GNI<sub>t-2</sub> + GNI<sub>t-1</sub> + GNI<sub>t</sub> ESA attwali***

***x% (y %) \* \_\_\_\_\_***

***GNI<sub>t-2</sub> + GNI<sub>t-1</sub> + GNI<sub>t</sub> ESA modifikata***

***F'dik il-formula, "t" hija l-aħħar sena sħiħa li għaliha hija disponibbli d-data definita mir-Regolament (UE) Nru 2019/516, "x" tirreferi għal-limitu massimu tar-riżorsi proprji għal approprjazzjonijiet ta' pagament u "y" tirreferi għal-limitu massimu tar-riżorsi proprji għal approprjazzjonijiet ta' impenn.***

***F'dik il-formula, "ESA" hija s-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni.***

---

<sup>5</sup> *Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (Regolament dwar id-DNG) (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19).*

## Emenda 31

### Abbozz ta' deċiżjoni Artikolu 3b – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Abbozz tal-Kunsill*

Il-ħlas lura tal-kapital tal-fondi użati għan-nefqa msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u l-imgħax dovut relatat għandhom jitħallsu **mill-baġit** ġenerali tal-Unjoni. L-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti parzjali annwali fuq diversi snin skont l-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<sup>6</sup>.

---

<sup>6</sup> *Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).*

**Emenda 32**

**Abbozz ta' deċiżjoni  
Artikolu 5**

*Abbozz tal-Kunsill*

**Artikolu 5**

**Riport tas-surplus**

***Kull bilanċ pożittiv fid-dħul tal-Unjoni fuq in-nefqa totali attwali matul sena finanzjarja għandu jiġi ripoportat għas-sena finanzjarja ta' wara.***

**Emenda 33**

**Abbozz ta' deċiżjoni  
Artikolu 6 – paragrafu 2**

*Emenda*

Il-ħlas lura tal-kapital tal-fondi użati għan-nefqa msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 u l-imgħax dovut relatat għandhom jitħallsu **mir-rikavati minn riżorsi proprji ġodda introdotti fil-baġit** ġenerali tal-Unjoni. L-impenji baġitarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti parzjali annwali fuq diversi snin skont l-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

*Emenda*

***imħassar***

*Abbozz tal-Kunsill*

2. L-Istati Membri għandhom iżommu, bħala **kosti** tal-ġbir, **25 %** tal-ammonti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 2(1)(a).

**Emenda 34**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 7 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

**Emenda 35**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

**Emenda 36**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

*Abbozz tal-Kunsill*

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom iżommu, bħala **kumpens għall-ispejjeż** tal-ġbir, **10 %** tal-ammonti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 2(1)(a).

*Emenda*

*(ba) it-trattament baġitarju ta' dħul li jirriżulta minn multi ta' kompetizzjoni u każijiet ta' ksur;*

*Emenda*

*(bb) regoli biex jiġu stabbiliti l-ammonti tar-riżorsi proprji li ssir referenza għalihom fil-punti (a) - (ce) tal-Artikolu 2(1) li għandhom jiġu magħmula disponibbli, inklużi r-rati ta' ġbir applikabbli għal dawk ir-riżorsi proprji, fil-limiti stabbiliti f'dawk il-punti, kif ukoll il-kalkolu tar-rata applikabbli tar-riżorsa proprja fuq il-bażi tad-Dħul Nazzjonali Gross;*

*Emenda*

*(bc) id-Dħul Nazzjonali Gross ta' referenza, id-dispożizzjonijiet għall-aġġustament tad-Dħul Nazzjonali Gross u d-dispożizzjonijiet għall-kalkolu mill-ġdid tal-limiti massimi ta' pagamenti u impenji*

***fil-każ ta' tibdil sinifikanti għad-Dħul  
Nazżjonali Gross, għall-iskopijiet tal-  
applikazzjoni tal-Artikolu 2(1);***